**13 ta' Awwissu**

**Tifkira ta'**

S. PONZJANU, PAPA U S. IPPOLITU,

SAĊERDOT, MARTRI

Ponzjanu sar Papa fis-sena 231; flimkien mas-saċerdot Ippolitu fis-sena 235 ġie eżiljat f'Sardinja mill-imperatur Massiminu. Hemm ħalla minn Papa, u miet. Difnuh fiċ-ċimiterju ta' Kallistu; imma lil Ippolitu difnuh fiċ-ċimiterju tat-triq Tiburtina. Il-Knisja ta' Ruma bdiet tagħti ġieħ lil dawn iż-żewġ martri sa mill-bidu tas-seklu 4.

Mill-Komun tal-martri... jew tar-rgħajja ta' l-erwieħ...

Talba

Is-sabar għażiż tal-qaddisin tiegħek, Mulej jagħtina l-għajnuna biex nikbru fi mħabbtek u biex nitwettqu dejjem iżjed fil-fidi mqaddsa. B'Ibnek.